# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 11**

**Rik. Nru. 102/2023 ISB**

**Bin Han (KI: 524413L),**
**Jia Liu (KI: 64215A) u**
**Leisure Clothing Limited (C8265)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat u**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Bin Han, Jia Liu** u **Leisure Clothing Limited**, li permezz tiegħu, talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara li r-rikorrenti Bin Han u Jia Liu ma kellhomx smigh xieraq u dan stante li, ghar-ragunijiet kollha flimkien jew ghal kull wahda minnhom kif esposti f'dan ir-rikors, gew lezi lilhom id-drittijiet inerenti taghhom kif sanciti fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiolu 6 tal-Konvenzjoni*

*Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li, meta s-socjeta Leisure Clothing Ltd giet kkundannata minghajr ma kienet involuta f'dawn il-proceduri kriminali fuq imsemmija u kellha wkoll l-assi tagħha kkonfiskati, hija sofriet leżjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett f'artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dan stante illi ma baqgħat akkużata f'dawn il-proċeduri u allura ma kienitx f'posizzjoni li tiddefendi lilha nnifisha;*

3. *Taghti dawk ir-rimedji li jidrilha xierqa ghal ghat-twettieq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom billi, okkorrendo billi tannulla s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Marzu 2022 u mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-6 ta' Jannar 2023, tiddikjara illi jekk il-Qorti tal-Appelli Kriminali derilha li kellha tbiddel is-sentenza minhabba li ma qablitx mal-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti, kellha fl-ahjar ipotezi, tissenjala ir-rizervi taghha fejn ma qablitx u tirrimandi l-Atti lura ghall-quddiem l-ewwel Qorti sabiex jerga' isir riapprezzament mill-gdid tal-fatti.*

4. *Thassar, tirrevoka u tikkancella is-sentenza u l-effetti tagħha kollha fil-konfront tas-sojeta' Leisure Clothing Limited.*

U dan wara illi ppremettew:

***Sommarju tac-cirkostanzi legali tal-kaz***

1. *Illi huma tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Novembru 2014 akkuzati inter alia bir-reati kontemplati fl-Artikoli 17, 18, 31, 121D, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 2 tat-tieni parti tal-ewwel titolu u l-Artikoli 45(1)(2), 47 u 18 tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 12 u 22 tal-L.N. 247/2003 (L.S. 452.87), kif emendata bil-L.N. 427/2007 u L.N. 259/2012;*

2. *Illi, b'sentenza tal-21 ta' Marzu 2022 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, (i) illiberat lir-rikorrent Jia Liu mill-akkuzi kollha, (ii) illiberat lir-rikorrent Bin Han mill-ewwel akkuza, u nstab hati fuq l-akkuzi l-ohra, u gie kkundannat sentejn (2) habs sospiza ghall-perjodu t'erbgha (4) snin u (iii) l-Qorti imponiet multa ta' mitejn elf Ewro (EUR200,000) fuq il-kumpanija Leisure Clothing Ltd;*

3. *Illi, kemm ir-rikorrent Ben Han u l-Avukat General appellaw din is-sentenza;*

4. *Illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali permezz ta' sentenza moghtija fis-06 ta' Jannar 2023, filwaqt li irrigettat l-appell ta' Bin Han, akkoljiet l-appell tal-Avukat Generali, sabet lil Bin Han hati tal-akkuzi kollha dedotti, sabet hati lil Jia Liu, u kkundannathom ghal sitt (6) snin prigunerija, u kkonfermat dik*

*il-parti tas-sentenza fejn il-kumpanija giet ikkundannata thallas mitejn elf Ewro (Eur200,000). Il-Qorti tal-Appelli Kriminali kkonfermat ukoll l-ordni tal-konfiska tal-assi tar-rikorrenti.*

5. *Illi fil-proceduri migjuba kontra taghhom ir-rikorrenti rriskontraw nuqqas ta' smigh xieraq u ghalhekk qed jinterponu dawn il-proceduri, liema nuqqas jikkonsisti f'diversi aggravji, li qedghin jigu deskritti fis-segwenti;*

***Sentenzjati fuq Akkuza prezentata fuori terminu***

6. *Illi meta r-rikorrenti tressqu quddiem il-qorti huma gew prezentati taht arrest b'mod li espressament gie indikat li kemm ir-rikorrent Bin Han kif ukoll ir-rikorrent Jia Liu kienu qedghin jigu prezentati u akkuzati kull wiehed f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Leisure Clothing Limited;*

7. *Illi tant hu hekk illi 'charges' li nhargu fid-19 ta' Novembru 2014 jaqraw hekk:*

   *"Bin Han iben Ji Chang u Xian Qun imwieled fid-29 ta' Marzu 1968 gewwa Chongqing, China, residenti (…) f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Leisure Clothing Limited, (…)*

   *Jia Liu iben Si Jie Liu u Ying Wang imwieled gewwa Chong Quig, Cina fil-25 ta' Janar 1983 u residenti (…) f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Leisure Clothing Limited, (…)"*

8. *Illi sussegwentement hekk kif il-proceduri waslu ghal hrug tal-Att ta' Akkuza, l-Avukat Generali permezz ta' rikors, ipprezentat lil Qorti Kriminali fil-21 ta' Mejju 2018, wara li informa lil Qorti li z-zmien ghal prezentata tal-Att ta' Akkuza kien jaghlaq dak inhar stess, talab sabiex dan it-terminu jigi estiz bi hmistax-il gurnata;*

9. *Illi permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Kriminali it-talba tal-Avukat Generali giet akkordata u b'hekk l-Avukat Generali kellu hmistax-il gurnata ohra f'liema seta johrog l-Att ta' Akkuza;*

10. *Illi r-rikors tal-21 ta' Mejju 2018, u cioe ir-rikors ghall-estensjoni tat-terminu ghal prezentata tal-Att ta' Akkuza, sar biss fil-konfront ta' Bin Han u Jia Liu, u qatt ma sar fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti jew taghhom bhala rapprezentanti tal-kumpanija;*

11. *Illi minn qari ta' dan ir-rikors dan jghid hekk:*

    *"Illi fid-19 ta' April 2018 gew lilu mibghutin mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti tal-Kumpilazzjoni kontra:*

    *HAN BIN u JIA LIU*

    *Illi z-zmien ghal prezentata tal-Att ta' Akkuza jaghlaq illum.*

    *Illi r-rkorrent jinhtieg zmien iehor biex huwa jiddeciedi jekk ghandux igib 'l quddiem dan l-Att ta' Akkuza.*

    *Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, bis-sahha tal-Artikolu 432 tal-Kodici Kriminali, joghgobha ttawwallu z-zmien hawn fuq imsemmi ghal hmistax-il jum ohra."*

12. *Illi dan ifisser li t-terminu ghal prezentata ta' Att ta' Akkuza fil-konfront tas-socjeta rikorrenti jew fil-konfront tar-rikorrenti Han u Liu ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta skada fil-21 ta' Mejju 2018, u billi t-talba tal-Avukat Generali kienet ghalihom personali l-akkoljiment tat-talba kienet diretta ghat-talba fil-konfront taghhom personalment u mhux ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta rikorrenti;*

13. *Illi minkejja dan, l-Avukat Generali hareg Att ta' Akkuza kontra r-rikorrenti Han u Liu kemm f'isimhom personali kif ukoll ghan-nom tal-kumpanija, u d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tal-Qorti tal-Appelli Kriminali;*

14. *Illi minkejja dan, is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kkundannat lis-socjeta rikorrenti thallas multa ta' mitejn elf ewro (€200,000), u s-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali kkonfermat din il-kundanna fil-konfront tas-socjeta;*

15. *Illi wiehed ma jistax jghid li kien hemm smigh xieraq fil-konfront tas-socjeta rikorrenti meta l-Att ta' Akkuza fil-konfront tar-rikorrenti ghan-nom u in rapprezentanza taghha hareg b'mod tardiv u konsegwentement mhux skond il-ligi;*

16. *Illi ghalhekk fil-konfront tas-socjeta rikorrenti sehh nuqqas ta' smigh xieraq meta giet kkundannata fuq Att ta' Akkuza mahruga tardivament u konsegwentement mhux skond il-ligi;*

***Sentenzjat ghal akkuzi mwettqa minn kumpanija li giet punita kontra l-ligi***

17. *Illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha ggudikat lir-rikorrenti Jia Liu u lliberatu minn kull akkuza, izda l-Qorti tal-Appelli Kriminali ggudikatu u ddikjaratu hati ta' kull akkuza, u taghtu punizzjoni ta' sitt (6) snin prigunerija;*

18. *Illi l-appell tal-Avukat Generali fil-konfront tar-rikorrenti Jia Liu kien ibbazat purament fuq il-fatt li huwa kien direttur tas-socjeta Leisure Clothing Limited u mhux fuq xi atti jew agir li huwa nniffsu wettaq;*

19. *Illi meta kkunsidrat dan l-aggravju tal-appell, il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-fatt studjat il-kuncett ta' 'corporate criminal liability' u ta' 'vicarious liability' u waslet sabiex tikkonkludi l-htija ta' Jia Liu biss ghab-bazi li huwa kien direttur tas-socjeta b'konsegwenza ta' vicarious liability;*

20. *Illi ezattament, il-Qorti tal-Appelli Kriminali sabet lil Jia Liu hati ghal atti u ommissjonijiet tal-kumpanija rikorrenti u dan jidher car meta dik il-Qorti tghid:*

    *"Consesquently, accused Jia Liu should also be held liable for all acts or omissions carried out by the company and should have been found guilty by the First Court together with accused Bin Han, having failed to prove, and this on a balance of probabilities that he had no knowledge of what was going on in the company and the manner in which the company was conducting its commercial business, undoubtedly failing to exercise the necessary care and supervision in the day to day runing of its affairs."*

21. *Illi dan ifisser li r-rikorrent Jia Liu gie misjub hati ghal atti kommessi mis-socjeta rikorrenti meta l-Att ta' Akkuza kontra dik is-socjeta rikorrenti ma kienx skond il-ligi ghaliex kien tardiv u dan kif fuq spjegat fl-aggravju ta' qabel dan;*

22. *Illi konsegwentement anke r-rikorrent Jia Liu sofra nuqqas ta' smigh xieraq fil-process tieghu meta gie ggudikat u misjub hati mhux ghal atti li seta' wettaq hu biex jigi kommess xi reat, izda ghal atti ta' socjeta li l-Att ta' Akkuza kontra taghha kien kontra l-ligi;*

***Nuqqas ta' zmien xieraq ghad-determinazzjoni tal-akkuzi***

23. *Illi fid-19 ta' Novembru 2014 ir-rikorrenti Bin Han, f'ismu proprju u f'isem il-kumpanija Leisure Clothing Limited, u Jia Liu ukoll f'ismu proprju u f'isem il-kumpanija Leisure Clothing Limited, tressqu taht arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja;*

24. *Illi skond verbal tas-seduta tat-3 ta' Dicembru 2014 mizmuma mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni tal-akkuza li wassal sabiex l-ewwel charges jigu sfilzati u mibdula;*

25. *Illi c-charges mibdula jirriferu ghal diversi artikoli tal-ligi fosthom l-artikoli 45(1) u (2) ta' Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u Regolament 10 tal-Avviz Legali 431 tal-2002 kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007, Artikolu 43(8) tal-Kapitolu 452, Regolament 9(3) tal-Avviz Legali 431 tal-2002 kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007 u Regolament 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007, l-artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373, u l-artikolu 23A(2) tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 23B tal-istess Kapitolu 9, u li tapplika l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9;*

26. *Illi izda c-charges mahruga kontra r-rikorrenti ma jirriferux specifikatament ghal artikolu partikolari dwar reati, jew ghal xi titolu tal-Kodici Kriminali u minflokk juzaw deskrizzjoni wiesgha, inkluz dwar mezzi, ta' reati bhal mizappropprijazzjoni jew traffikar;*

27. *Illi permezz ta' digriet moghti fis-17 ta' Frar 2015 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja gie degretat li hemm prima facie;*

28. *Illi fid-19 ta' April 2018 l-atti tal-kumpilazzjoni gew mibghuta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) lill-Avukat Generali, li fil-21 ta' Mejju 2018 permezz ta' rikors iddikjara li minkejja li z-zmien ghal prezentata tal-Att ta' Akkuza jaghlaq fl-istess jum, talab sabiex jittawwal iz-zmien bi hmistax-il gurnata;*

29. *Illi fil-31 ta' Mejju 2018, l-Avukat Generali talab sabiex il-proceduri fil-konfront tar-rikorrenti jipprocedu bil-procedura sommarja quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta);*

30. *Illi waqt li r-rikorrenti tressqu quddiem il-Qorti fid-19 ta' Novembru 2014, il-proceduri gew determinati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b'decizjoni moghtija fil-21 ta' Marzu 2022, u mill-Qorti tal-Appelli Kriminali b'decizjoni tas-6 ta' Jannar 2023;*

31. *Illi b'hekk id-determinazzjoni finali tal-kaz hadet ftit aktar minn tmien (8) snin, u seba (7) snin u erba' (4) xhur sabiex jigi determinat fl-ewwel istadju;*

32. *Illi l-prosekuzzjoni hadet madwar tminja u hamsin (58) seduta, cioe sas-seduta tal-11 ta' Gunju 2018, sabiex tressaq il-provi taghha, u b'hekk biex*

*jinstemghu madwar hamsa u tlettin (35) xhud, hafna minnhom fil-qosor, ittiehed il-perjodu ta' madwar erba (4) snin;*

*33. Illi l-kaz gie differiet ghas-sentenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Gunju 2020, izda d-decizjoni inghatat fil-21 ta' Marzu 2022, cioe kwazi sentejn (2) wara;*

*34. Illi minn ezami tal-verbali tal-process jidher li mil-perjodu ta' kwazi tmien (8) snin kienu biss erba' (4) darbiet li r-rikorrenti talbu differiment jew is-seduta ma saritx minhabba raguni adebieta lilhom, liema perjodu huwa ta' kwazi erba' (4) xhur;*

*35. Illi pero r-rimanenti verbali tas-seduti mizmuma mill-Qrati juru li r-rikorrenti qatt ma ostakolaw l-andament tal-proceduri u ghalhekk id-dewmien ta' kwazi tmien (8) snin ma jistax jinghid li gie kkagunat minnhom;*

*36. Illi in vista tac-cirkustanzi tal-kaz, cioe l-akkuzi, l-provi u xhieda mressqa, ma hemm xejn li jindika li t-trapass ta' tmien (8) snin ghad-determinazzjoni finali tal-proceduri kien ragonevoli;*

*37. Illi anzi c-cirkostanzi tal-kaz juru li d-determinazzjoni tal-akkuzi migjuba kontra taghhom sehhet fi zmien mhux ragonevoli u dan bi vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*38. Illi in oltre tali ksur huwa ta' natura serja specjalment meta wiehed jikkunsidra li r-rikorrenti ghamlu tmien (8) snin taht akkuza b'limitazzjonijiet fuqhom imposti ghal helsien mill-arrest li fih innifsu dan il-perjodu gab mieghu kambjament fl-istat taghhom, kif ukoll li d-determinazzjoni finali tal-akkuzi migjuba kontra taghhom hadu mill-anqas sentejn (2) aktar mill-punizzjoni moghtija lilhom;*

***Ri-evalwazzjoni tal-provi minn Qorti tal-Appell twassal ghal nuqqas ta' smigh xieraq***

*39. Illi d-determinazzjoni ta' htija o meno tar-rikorrenti saret mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ghab-bazi tal-mod kif kull wahda minn dawn il-qrati fehmet il-provi, b'tali mod li filwaqt li l-ewwel qorti fehmet ix-xhieda bhala accertazzjoni ta' certu fatti relatati mal-kriterji tar-reati in kwistjoni, it-tieni qorti fehmet ix-xhieda bhala accertazzjoni ta' fatti fis-sens oppost. B'hekk ir-rikorrenti, gew f'sitwazzjoni fejn id-determinazzjoni tal-htija o meno*

*taghhom strahet fuq interpretazzjoni differenti bejn iz-zewg qrati tax-xhieda migbura fil-process, fejn l-ewwel qorti apprezzat dik ix-xhieda fil-kors tas-smigh tal-process u t-tieni qorti evalwat ix-xhieda minn qari tat-traskrizzjonijiet;*

40. *Illi qabel ma ghaddiet sabiex taghti d-decizjoni taghha, l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (l-Ewwel Qorti) kienet semghet ix-xhieda, evalwat l-agir u l-komportament tax-xhieda u ghixet il-process b'mod shih;*

41. *Illi ghalkemm dan isir f'kull process, fic-cirkostanzi tal-kaz in kwistjoni dan jiehu xejra aktar importanti meta wiehed iqis li hafna mix-xhieda migbura kienet moghtija b'lingwa barranija, tramite interpreti li t-traskrizzjonijiet juru li mhux dejjem urew hila sodisfacenti fil-lingwa Ingliza, f'cirkostanzi fejn wiehed mill-interpreti kien familjari u vicin ix-xhieda, u f'cirkostanzi fejn xhieda importanti giet traskritta wara li kienet interpretata minn tlett lingwi;*

42. *Illi d-decizjoni tal-Ewwel Qorti inghatat f'dan il-kuntest, u wara li hija evalwat il-provi u applikat il-ligi, l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha iddecidiet billi (i) illiberat lil Jia Liu minn kull akkuza wara li sabitu mhux hati tal-akkuzi kollha; (ii) sabet lil Bin Han mhux hati tal-ewwel akkuza u lliberatu minnha, sabitu hati tal-akkuzi l-ohra; (iii) kkundannat lir-rikorrenti Leisure Clothing Limited thallas multa ta' mitejn elf ewro (€200,000) u (iv) ikkundannat lil Bin Han ihallas l-ispejjez tal-proceduri;*

43. *Illi l-Qorti tal-Appelli Kriminali irrevokat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti u waslet sabiex sabet lir-rikorrent Bin Han hati ta' reat li l-ewwel Qorti kienet illiberatu minnu, u sabet lir-rikorrent Jia Liu hati ta' kull reat meta l-ewwel Qorti kienet iddikjaratu mhux hati tar-reati kollha msemmija fl-akkuzi kontra tieghu;*

44. *Illi kif jidher mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, biex waslet ghal din id-decizjoni l-Qorti strahet fuq il-qari tax-xhieda moghtija, specjalment dik moghtija mix-xhieda Vjetnamizi, u mix-xhud Zhenhua Kong ta' nazzjonalita Ciniza, u harget minn dik ix-xhieda konkluzjonijiet fattwali li wasluha sabiex tirrevoka d-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq ftehiem tax-xhieda b'mod differenti ghal kif l-Ewwel Qorti fehmet ix-xhieda u applikat il-ligi ghaliha;*

45. *Illi per ezempju l-Qorti tal-Appelli Kriminali kkonkludiet l-oppost tal-Ewwel Qorti dwar il-kwistjoni ta' jekk kienx pruvat il-kriterju tal-'mezzi'. Din il-Qorti qelbet l-apprezzament tal-provi u l-fatti kif mifhuma mill-Ewwel Qorti wara li minn qari tax-xhieda Vietnamizi u tax-xhud Kong ikkonkludiet li huma kienu f'sitwazzjoni fejn ma setawx jirrifjutaw li jiffirmaw kuntratti*

*moghtija lilhom, u li l-agenzija VIHATICO kienet qeda bilfors tahdem f'kumplicita mas-socjeta rikorrenti;*

46. *Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kienitx f'qaghda li tifforma l-fehema taghha tax-xhieda moghtija billi tqis dik ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz b'mod shih, inkluz billi tkun f'qaghda li tapprezza l-komportament u l-agir tax-xhieda u tifhem ix-xhieda hekk kif tkun qeda tinghata, hekk kif lanqas kellha l-opportunita li tassigura ruhha li dak li kien qieghed jigi tradott jew interpretat mill-interpretu kien qed jigi mifhum kif espress;*

47. *Illi, in oltre apparti fehem oppost tal-istess xhieda, hemm drabi fejn dak li l-Qorti tal-Appelli Kriminali fehmet mix-xhieda huwa manifestament l-oppost ta' dak li ntqal. Hekk per ezempju dik il-qorti tenniet illi Zhenhua Kong, li kien xehed fit-08 ta' Jannar 2015, qal li kuntratt kien jigi ffirmat bejn VIAHTICO u mpjegat prospettiv, umbad kuntratt iehor jigi ffirmat bejn l-impjegat u Leisure Clothing Ltd.*

48. *Illi, fil-fatt, ix-xhud al kuntrarju kien qal hekk:*

*"**Question by prosecuting officer:** Document marked JB5 is being shown, it is the first contract in Vietnamese, what do you have to say about it?*

***Witness:** I am being shown this contract and I am saying that I have never seen it, or another one like it. I have never seen a contract in Vietnamese only, ours was always in Vietnamese and Chinese contracts, I am shown the document JB4 and I say that this is a contract that I was showed yesterday and I am confirming today. This is a contract in Vietnamese and Chinese. "*

49. *Illi, inoltre dan, kif jirrizulta mix-xhieda tieghu stess, Zhenhua Kong ma qalx li Leisure Company Ltd. kienet rciviet s-somma ta' USD600 minghand VIAHTICO, anzi qal li l-kumpanija tieghu kienet tircievi dik is-somma mill-agent Vietnamiz tieghu. Fil-fatt, meta kien gie mistoqsi jekk kienx qed jigi mhallas ghas-servizzi tieghu, hu wiegeb bis-segwenti:*

*"**Witness:** yes, we (the company he was working for Najging Tutan Economic Division and Information Consultancy Ltd) are paid the amount of USD600 which we take from VIAHTICO (the Vietnamese agent)."*

50. *Illi izda meta wiehed iqis id-decizjoni tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, huwa manifest li l-bdil fil-fehem ta' din ix-xhieda wassal ghal bdil fil-gudizzju ta' htija fil-konfront tar-rikorrenti, b'tali mod li tali fehem kien deciziv u konducenti ghas-sejbien ta' htija fil-konfront tar-rikorrenti fl-istadju tal-appell fejn ma kienx hemm salvagwardji procedurali b'sahhithom li setghu jikkompensaw ghal dan l-izvantagg u pregudizzju*

*ghad-difiza, u li setghu jassiguraw li s-smigh, mehud b'mod shih, ikun wiehed gust;*

*51. Illi, mhux jigi kontestat li bil-ligi penali l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha l-poter li tiddetermina kwistjonijiet ta' ligi u ta' fatt, u li l-poter taghha jinkludi li tirrevoka decizjoni tal-ewwel qorti u ssib htija u taghti kundanna hija stess. Dak li qieghed jigi kontestat huwa li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fejn giet revokata l-liberatorja tar-rikorrenti, specjalment tar-rikorrent Jai Liu, in-nuqqas ta' smigh tal-provi u xhieda minnha stess jew in-nuqqas li l-atti jintbaghtu lura ghad-determinazzjoni mill-ewwel qorti, jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq;*

*52. Illi anke kif jidher car mill-appell imressaq mill-Avukat Generali, il-kwistjonijiet li kellhom jigu determinati mill-Qorti tal-Appelli Kriminali kienu kwistjonijiet li fil-maggor parti taghhom huma ta' natura fattwali, u l-kumplessita fil-fehem tal-provi u xhieda tidher anke mill-fatt li accertamenti fattwali determinati minn zewg qrati taw zewg fehmiet differenti;*

*53. Illi mehud kont tac-cirkostanzi tal-kaz, in-natura tal-provi u xhieda u l-kuntest li fihom sehhet dik ix-xhieda u l-proceduri infushom li bdew bhala proceduri dwar il-ligi ta' impjieg u spiccaw fi proceduri dwar reati taht il-Kodici Kriminali, wiehed ma jistax ma jikkonkludix li l-kaz ma kellux, bhala materja ta' smigh xieraq, jigi determinat minghajr assessjar dirett tal-evidenza li inghatat minn certu xhieda, dan ghaliex dak li jwassal ghal smigh xieraq mhux li l-qorti ta' appell ikollha l-atti quddiemha izda kif ir-rwol taghha jigi ezegwiet fid-dawl tan-natura tal-kwistjonijiet li ghandhom jigu decizi;*

*54. Illi f'dan ir-rigward ukoll issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Julius ÚLÍUS ÞÓR SIGURÞÓRSSON v. ICELAND (Application no. 38797/17) of the 16 July 2019, fejn qalet is-segwenti:*

> *"However, the Court has held that where an appellate court is called upon to examine a case as to the facts and the law and to make a full assessment of the question of the applicant's guilt or innocence, it cannot, as a matter of fair trial, properly determine those issues without a direct assessment of the evidence given in person by the accused – who claims that he has not committed the act alleged to constitute a criminal offence (see Constantinescu v. Romania, no. 28871/95, 27 June 2000, with reference to Ekbatani v. Sweden, 26 May 1988, § 32, Series A no. 134; see also Dondarini v. San Marino, no. 50545/99, § 27, 6 July 2004).*
>
> *35. However, the Court's case-law also demonstrates, in line with the Court's general approach already described (see paragraph 33 above), that if the appeal court has jurisdiction to examine afresh*

*factual issues either as to the question of guilt or as to the sentencing, or both, the right to a fair hearing according to Article 6 § 1, may, depending on the particular circumstances of the case, bar the appeal court from convicting an accused who has already been acquitted by the lower court. Taking into account what is at stake for the accused, the overall question would be whether the appeal court could, "as a matter of fair trial, properly examine the issues to be determined without a direct assessment of the evidence" given by the accused or the witness in person (see Botten v. Norway, cited above, § 52).*

*(…)*

*38. Finally, if the direct assessment of the evidence is deemed necessary for the reasons explained above, the appeal court is under the duty to take positive measures to this effect, notwithstanding the fact that the applicant did not attend the hearing, ask for leave to address the court or object, through his counsel, to a new judgment being given (see Botten v. Norway, cited above, § 53, and Sigurþór Arnarsson v. Iceland, cited above, § 38). In the alternative, the appeal court must limit itself to quashing the lower court's acquittal and referring the case back for a retrial."*

55. *Illi, in linea ma' din il-gurisprudenza, qieghed jigi sottomess umilment illi sabiex id-dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti jigi rispettat l-aktar li setghet taghmel l-Qorti tal-Appell huwa li tirrevoka s-sentenza appellata u terga tibghat l-Atti lura lill-ewwel Qorti ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza.*

56. *Illi dan il-prinċipju ġie anke affermat u assodat meta daħlu l-emendi l-ġodda sabiex jappella l-Avukat Ġenerali f'Ġuri. Fil-fatt fil-proviso ta' l-artiklu 500(5) tal-Kap. 9, il-leġislatur qagħad attent li jinkludi illi meta l-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ma taqbilx mal-verdett tista' tirrevoka l-istess però għandha tirrimandi l-atti lura biex isir ġuri ieħor.*

57. *Illi ukoll ghalhekk, ir-rikorrenti qedghin jilmentaw li gie vjolat id-dritt taghhom ghal smigh xieraq kif protett f'artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;*

***Fehem manifestament zbaljat ta' xhieda***

58. *Illi wiehed mill-kriterji ewlenien li wassal ghar-revoka tad-decizjoni tal-ewwel qorti huwa kif il-Qorti tal-Appell Kriminali adebiet fatt dwar ir-rikorrenti minn kif hija fehmet ix-xhieda ta' Zhenhua Kong, meta dik ix-xhieda manifestament tistabbilixxi l-fatt oppost;*

59. *Illi kif diga kwotat aktar 'l fuq, ix-xhud per ezempju qal li kien hu u l-kumpanija tieghu li kienu jircievu hlas mhux minghand ir-rikorrenti izda minghand agenzija bl-isem Vihatico, izda l-Qorti fehmet dan bhala li jistabbilixxi l-fatt li "He also states that once a prospective worker signed the contracts, Leisure Company Limited received the sum of 600 Americal Dollars from VIHATICO as payment.";*

60. *Illi, xhieda mifhuma b'mod zbaljat, u li ggor certu importanza fil-kunsiderazzjonijiet tal-qorti, ma tistax tissodisfa r-rekwiziet ta' "fairness" kif definit mill-Qorti Ewropea bhal per ezempju fis-sentenza ta' IBRAHIM AND OTHERS v. THE UNITED KINGDOM (Applications nos. 50541/08, 50571/08, 50573/08 and 40351/09) moghtija fit-13 September 2016, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:*

*"250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see O'Halloran and Francis v. the United Kingdom [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015)."*

61. *Illi ukoll ghalhekk anke dan l-element iwassal ghal ksur tad-dritt ta' smigh xieraq kif protett f'artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;*

***Cahda mid-dritt ta' appell***

62. *Illi fil-kaz tar-rikorrenti Jia Liu, li kien illiberat minn kull akkuza mill-Ewwel Qorti u li ghalhekk ma kellu l-ebda skop li jipprezenta appell mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti, is-sejba ta' htija tieghu mill-Qorti tal-Appell Kriminali ghab-bazi ta' sejbien ta' fatti minn xhieda opposta ghal dak misjub mill-Ewwel Qorti, wassal mhux biss sabiex huwa gie ggudikat minn qorti li ma kienitx semghet il-provi hija stess, izda ukoll b'mod li wassal ghal gudizzju tieghu minghajr il-beneficcju ta' ezami gjudizzjarju doppju;*

63. *Illi filwaqt li huwa pprezenta risposta ghall-appell imressaq mill-Avukat Generali dan ma jikkostitwix salvagward sufficjenti biex jigu protetti d-drittijiet tar-rikorrent ghal smigh xieraq, fosthom li l-gudizzju fil-konfront tieghu isir ghab-bazi tal-fatti pruvati u stabbilieti minn kunsiderazzjoni akkurata u mibnija fuq apprezzament shih tal-kuntest tal-kaz inkluz l-apprezzament tal-komportament tax-xhieda li jinfluwenza l-fehem ta' dik ix-xhieda;*

64. *Illi l-kaz tar-rikorrent Bin Han huwa l-istess fir-rigward tal-ewwel akkuza u li minnha gie lliberat mill-Ewwel Qorti;*

65. *Illi fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali, r-rikorrenti ma kellhomx opportunita xierqa li jezaminaw tali xhieda b'mod li dik il-qorti tkun tista' tapprezza l-kuntest taghha, t-tifsira u l-veracita taghha;*

66. *Illi dan wassal ghal sitwazzjoni fejn minkejja li l-ligi taghti d-dritt ghal ezami doppju, ir-rikorrenti spiccaw zvestieti mill-ezercizzju effettiv ta' dak id-dritt, b'tali mod li l-gudizzju finali taghhom kien il-gudizzju li wassal ghal sejba ta' htija ghab-bazi ta' fatti mifhuma mill-qorti ghall-ewwel darba, u minghajr possibilita ta' appell;*

67. *Illi ghalhekk ukoll ir-rikorrenti jilmentaw minn vjolazzjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq protett f'artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;*

***Leisure Clothing Ltd mhux parti mill-kawza izda punita***

68. *Illi, inoltre, s-socjeta rikorrenti Leisure Clothing Ltd. soffriet ukoll lesjoni ghad-dritt ta' smiegh xieraq bi ksur tal-Artikoli su esposti peress li din ma kienitx tifforma parti mill-kawza, u lanqas ma jirrizulta li l-akkuzati jew min minnhom kien qed jidher ukoll fil-vesti ta' rapprezentant guridiku tal-imsemmija socjeta.*

69. *Illi, per konsegwenza qatt ma setghet tinghata sentenza fil-konfront tas-socjeta rikorrenti u jigi emfasizzat li ma setghetx tiddefendi lilha nnifisha.*

70. *Illi in effetti kif gia intqal fl-ewwel aggravju, meta l-Avukat Ġenerali ghamel talba ghal proroga tali talba saret biss ghall-akkuzi kontra Bin Han u Jia Liu fil-kapacita' taghhom personali. Ladarba ma saret l-ebda proroga ghall-akkuzi kontra l-kumpanija allura l-kumpanija ma kienitx parti iktar fil-proceduri.*

71. *Illi jirrizulta wkoll illi fl-okkju tas-sentenza kemm ta' l-ewwel Qorti u kif ukoll tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali isemmu biss l-akkuzati fil-kapacita taghhom personali.*

72. *Illi l-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet referenza ghall-artikolu 121D tal-Kap. 9 fejn trattat il-vicarious liability. Pero dak l-artikolu jirriferi biss ghar-*

*reati that Titolu III - Fuq Id-Deilitti Kontra L-Amministrazzjoni Tal-Ġustizzja U Amministrazzjonijiet Pubbliċi Oħra. L-akkuzi in kwistjoni ma jaqawx taht dan it-titolu. Ghalhekk l-inferenza li saret fuqhom saret fuq ligi li ma tapplikax. Per konsegwenza huma sofrew leżjoni ghaliex ma setghux jilqghu ghall-eventwalita' tali tali inferenza u allura ma setghux jiddefendu ruhom kif suppost.*

73. *Illi l-Qorti inferiet illi Liu kien hati tar-reati kommessi mill-kumpanija a bazi ta' l-Interpretation Act. L-artikolu 13 ta' dan l-att jghid:*

*"Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xiAtt, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le,…"*

74. *Illi ghalhekk sabiex ikun hemm responsabbilta inferita fuq id-diretturi irid ikun hemm reat kommess mill-kumpanija. Peress illi l-kumpanija ma kienitx parti f'dawn il-proceduri allura ma kellhiex ghal xhiex tirrispondi u lanqas allura setghat issir din l-inferenza. Hawn ukoll ma jistax jinghad illi r-rikorrenti kellhom "an overall fairness" fil-proceduri kriminali.*

75. *Illi apparti minn hekk il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali wkoll waslet ghal konkluzjonijiet li lledew id-dritt taghom ta' smiegh xieraq. Dik il-Qorti rriferiet ghas-sentenza Busuttil vs Malta u kkonkludiet illi l-inverzjoni ta' l-oneru tal-prova mhijiex kontra d-dritt ta' smiegh xieraq. L-enfasi f'dik is-sentenza pero kienet fuq "reasonable limits" u "the means employed have to be reasonably proportionate to the legitimate aim". F'dak il-kaz il-mertu kien de minimis b'aspetti amministrattivi li wasslu ghal multa zghira. Fil-kaz in ezami pero ir-reati huma serji hafna li wasslu ghal piena ta' sitt snin prigunerija.*

76. *Illi finalment issir referenza ghall- DB v Commissione Nazionale per le Società e la Borsa (Consob)[1] fejn insibu:*

*"However, the referring court points out that, according to the case-law of the European Court of Human Rights, the right to silence arising from Article 6 of the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms, signed in Rome on 4 November 1950 ('the ECHR'), is infringed where persons are penalised under national law for failing to answer questions put by administrative authorities in proceedings seeking to ascertain whether an administrative offence that is punishable by penalties of a criminal nature has been committed (ECtHR, 3 May 2001, J.B. v. Switzerland, CE:ECHR:2001:0503JUD003182796, §§ 63 to 71; 4 October 2005, Shannon v. the United Kingdom, CE:ECHR:2005:1004JUD000656303, §§ 38 to 41; and 5 April 2012, Chambaz v. Switzerland, CE:ECHR:2012:0405JUD001166304, §§ 50 to 58)."*

[1] Deċiża fit-2 ta' Frar 2021 mill-Qorti Ewropea għall-Ġustizzja (C-481/19).

77. *Illi ssir referenza wkoll ghal Frank Sammut vs L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati Dr. Angelo Farrugia et*[2] *fejn insibu hekk:*

*"44. Dan ifisser li x-xhud għandu d-dritt li ma jiġix kostrett li jinkrimina ruħu iżda persuna imputata b'reat kriminali ma għandhiex biss id-dritt li ma tiġix kostretta li twieġeb domandi li jistgħu jinkriminawha iżda għandha addirittura d-dritt għas-silenzju u ċioè li tibqa' siekta tant li "The right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent and presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused". Għalhekk id-dritt ewlieni li għandha persuna akkużata hu li tibqa' siekta u d-dritt li ma tweġibx domandi li jistgħu jinkriminawha huwa intiż biex jassigura li d-dritt tal-akkużat għassilenzju jiġi mħares.*

*45. Il-linji gwida in kwistjoni jipprovdu li fil-prinċipju l-persuna msejjħa biex tixhed quddiem il-Kumitat Permanenti hija obbligata li tixhed u għalhekk li ma tibqax siekta u l-unika eċċezzjoni li tipprevedi hi dik li persuna ma tiġix kostretta twieġeb għal domandi li jistgħu jinkriminawha. Dan ifisser li l-Linji Gwida in kwistjoni ma jħarsux id-dritt għas-silenzju ta' persuni imputati b'reat kriminali bħal ma huma r-rikorrenti appellati għalkemm iħarsulhom d-dritt tagħhom li ma jiġix mġiegħla jinkriminaw ruħhom bil-konsegwenza li jinkorru f'sanzjonijiet għal disprezz jekk jagħżlu li jibqgħu siekta.*

*46. Għalhekk, in kwantu li l-Linji Gwida jipprevedu sanzjonijiet punittivi għal persuna imputata b'reat kriminali jekk din tagħżel li teżerċita d-dritt tagħha għas-silenzju l-istess Linji Gwida jiksru d-dritt tar-rikorrenti appellati għal smigħ xieraq sanċit bl-Artikolu 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament."*

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Marzu 2023 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għall-5 ta' Mejju 2023 fid-9:30a.m.

Rat ir-**risposta** tal-intimati **Avukat Ġenerali** u **Avukat tal-Istat** intavolata fl-4 ta' April 2023 (fol 18) li permezz tagħha eċċepew:

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija bbazata fuq allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan stante li skont ir-rikorrenti allegatament (i) huma lkoll gew sentenzjati fuq akkuza prezentata fuori termine; (ii) is-socjeta' rikorrent Leisure Clothing Ltd giet sentenzjata ghal akkuzi mwettqa minn kumpanija li giet punita kontra l-ligi; (iii) kien hemm nuqqas ta' zmien xieraq ghad-determinazzjoni tal-akkuzi; (iv) ri-evalwazzjoni tal-provi minn Qorti tal-Appell twassal ghal nuqqas ta' smigh*

[2] Deċiża fis-26 ta' Jannar 2018 (Appell Kostituzzjonali Numru 13/2014/1 JZM).

*xieraq; (v) il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha fehma manifestament zbaljata ta' xhieda; (vi) gie michud id-dritt ta' appell fil-konfront tagħhom; (vii) Leisure Clothing Ltd mhix parti mill-kawza kriminali izda ġiet punita xorta waħda. Għalhekk qieghdin jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti (a) tagħtihom dawk ir-rimedji li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa ghat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija fosthom billi okkorrendo tannulla s-sentenzi moghtija mill-Qrati kriminali fl-imsemmija sentenzi kontra r-rikorrenti; (b) tagħmel dikjarazzjoni illi jekk il-Qorti tal-Appelli Kriminali dehrilha li kellha tbiddel is-Sentenza minhabba li ma qablitx mal-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti fl-ahjar ipotezi tissenjala r-rizervi taghha fejn ma qablitx u tirrimanda l-atti lura ghal quddiem l-ewwel Qorti sabiex jerga' jsir riapprezemant mill-gdid tal-fatti; u (c) thassar, tirrevoka u tikkancella s-Sentenza kriminali u l-effetti taghha kollha fil-Konfront tas-socjeta' Leisure Clothing Limited;*

***<u>Fatti fil-Qosor</u>***

*Illi r-rikorrenti tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Novembru 2014 akkuzati bir-reati kontemplati fl-artikoli 17, 18, 31, 121D, 293, 294, 310 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 2 tat-tieni parti tat-tieni titolu u l-Artikoli 45 (1) (2), 47 u 18 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 12 u 22 tal-A.L. 247/2003 (L.S. 452.87), kif emendati bl-A.L. 427/2007 u A.L. 259/2012;*
*Illi b'Sentenza tal-21 ta' Marzu 2022, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ddeciediet illi tillibera lir-rikorrent Jia Liu mill-akkuzi kollha, tillibera lir-rikorrent Bin Han mill-ewwel akkuza u ssibu hati fuq l-akkuzi l-ohra liema akkuzat gie kkundannat sentejn habs sospizi ghal 4 snin u imponiet multa ta' mitejn elf Ewro (€200,000) fuq il-Kumpanija Leisure Clothing Ltd;*

*Illi kemm l-Avukat Generali u Bin Han appellaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2022. Jia Liu ma pprezentax risposta ta' appell imma l-avukat patrocinanti tieghu tratta l-appell viva voce;*

*Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali permezz tas-Sentenza moghtija fis-6 ta' Jannar 2023, filwaqt li cahdet l-appell ta' Bin Han, akkoljiet l-appell tal-Avukat Generali, sabet lil Bin Han hati tal-akkuzi kollha dedotti, sabet hati lil Jia Liu tal-akkuzi kollha dedotti u kkundanathom rispettivament kull wieħed ghal perjodu ta' sitt (6) snin pruginerija effetivi. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat dik il-parti tas-Sentenza fejn il-Kumpanija biss giet ikundannata thallas mitejn elf Ewro (€200,000) u ordnat il-konfiska tal-assi tar-rikorrenti.*

***<u>Eccezzjonijiet</u>***

1. *Illi in vena preliminari, l-Avukat Ġenerali ġie imħarrek inutilment f'dawn il-proċeduri peress li l-preżenza tal-Avukat tal-Istat għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa suffiċjenti. Tassew ladarba r-rikorrent qeghdin jilmentaw minn allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, allura skont ġurisprudenza paċifika, l-uniku leġittimu kontradittur għan-nom tal-Gvern*

*ta' Malta huwa l-Avukat tal-Istat. Konsegwentement, l-esponenti l-Avukat Ġenerali* ***għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju****;*

2. *Illi l-esponenti jecepixxu illi s-socjeta rikorrenti Leisure Clothing Ltd ghanda tindika b'mod car u esplicitu f'min tvesti r-rapprezentanza legali tas-socjeta', u din l-indikjazzjoni ghandha tigi riflessa fl-okkju tal-kawza;*

3. *Illi fil-mertu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

4. *Illi l-esponenti jirrilevaw minnufih li r-rikorrenti b`din il-kawza qieghdin effettivament jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi u tax-xhieda li tressqu fil-process kriminali u terga' tidhol fil-mertu tal-process kriminali u ghalhekk taghmilha ta` Qorti tat-Tielet jew Raba` Istanza. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jiggarantixxi l-ebda dritt li akkuzat ikollu xi rimedju quddiem Qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk m'huwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tistharreg mill-gdid il-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali. L-****artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta*** *jipprovdi li s-smigħ għandu jkun fi zmien ragjonevoli, fil-pubbliku u quddiem tribunal indipendenti w imparzjali mwaqqaf b'liġi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma jelenkaw jew jilmentaw minnu anzi ser jirrizulta mill-provi li l-Qrati Kriminali osservaw il-ligi skrupolozament. L-esponenti jissottometti illi r-rikorrenti qieghdin jittentaw jaslu tramite l-procedura odjerna fejn ma rnexxilhomx jaslu quddiem il-Qrati muniti b'gurisdizzjoni kriminali. Ghalhekk kull tentattiv sabiex dawn il-proceduri jintuzaw b'dan il-mod jikkostitwixxi uzu hazin ta' dina l-procedura straordinarja;*

5. *Illi bhala regola, meta wiehed japprezza jekk proceduri humiex xierqa jew le, wiehed m'ghandux ihares biss lejn xi nuqqasijiet procedurali li jokkorru imma lejn jekk, fl-assjem taghhom, il-proceduri kinux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara* ***Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et*** *deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). F'din il-qaghda l-jedd ta' smigh xieraq invokat mir-rikorrenti, fil-generalita' tal-kazijiet, jidhol biss (i) meta ma jkunx hemm tribunal indipendenti u imparzjali, (ii) meta jkun hemm dewmien ingustifikat waqt is-smigh tal-kawza, (iii) meta jkun hemm nuqqas ta' access lill-qrati, (iv) meta s-smigh jissokta fl-assenza tal-parti fil-kawza, (v) meta ma jkunx hemm equality of arms bejn il-partijiet kontendenti fil-kawza, (vi) meta parti ma tinghatax id-dritt Ii tinstema' (audi alterem partem) u/jew Ii tressaq il-kaz taghha kif imiss u (vii) meta s-sentenza tinghata minghajr motivazzjoni;*

6. *Illi sabiex jigu applikati l-elementi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi processwali partikolari tal-kaz, b'mod illi biex wiehed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, wiehed irid iqis il-process kollu kemm hu, maghduda maghhom l-imgieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mharsin mill-istess qorti (ara* ***Fenech vs Avukat Generali***

*deciza fl-4 ta' Awwissu 1999 - Vol. LXXXIII.i.213). Wiehed ma jistax u m'ghandux jiffoka fuq bicca biss mill-process shih gudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas, jasal ghall-konkluzjoni li tabilfors sehh ksur tal-jedd tas-smigh xieraq (ara* ***Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et*** *deciza fit-18 ta' Awwissu 1998 – Vol. LXXXII.i.158);*

*Dan attiz, ghandu jirrizulta bl-aktar mod kategoriku u manifest li l-ilment imressaq mir-rikorrenti f'din il-kawza ma jaqa' taht l-ebda wahda mic-cirkostanzi msemmija hawn fuq. Fl-ebda hin u fl-ebda mument ir-rikorrenti ma gew trattati b`mod differenti u lanqas ma jirrizulta li gew imcahhda minn xi dritt li meta wiehed ihares lejn il-proceduri fit-totalita` taghhom jista' jikkonkludi li ma kienx hemm smigh xieraq. Anzi, jirrizulta li l-partijiet kellhom access ugwali ghall-Qorti, saru l-ezamijiet u kontro-ezamijiet kollha mehtiega u kull parti kellha l-opportunita` li tressaq il-kaz taghha. Il-fatt wahdu li l-Qrati penali ghazlu li jemmnu x-xhieda ta` xhud bl-ebda mod ma jfisser li dak sar bi ksur ta` xi dritt fundamentali tar-rikorrenti;*

7. *Illi x-xoghol ta` gudikant huwa proprju li jevalwa u japprezza x-xhieda li jisma' u jiddecidi liema xhieda ghandu joqghod fuqha u liema xhieda mhux ta` min joqghod fuqha u l-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi kriterji biex jghinuh jaghmel dan. Iz-zewg sentenzi in kwistjoni kemm tal-Qorti tal-Magistrati u kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali huma motivati u ben studjati u ma hemm xejn irragjonevoli jew irregolari fihom. Jekk il-Qrati penali skartaw id-difiza tar-rikorrenti dan ma sarx b`mod kappriccjuz izda ghaliex qiesu li kien hemm provi sal-grad rikjest mil-Ligi sabiex isibu htija fir-rikorrenti;*

8. *Illi l-ilment tar-rikorrenti li jirrigwarda r-rievalwazzjoni tal-Provi mill-Qorti tal-Appell Kriminali li skonthom iwasslu ghal nuqqas ta' smiegh xieraq huwa ilment fieragh u vessatorju. Huwa risaput illi Qorti ta' Appell tista' tirrevedi x-xhieda moghtija mill-Ewwel Qorti u tasal ghal konviciment morali u legali differenti mill-Ewwel Qorti u dan partikolarment meta s-Sentenza tal-Ewwel Qorti tkun manifestament ingusta;*

9. *Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-Qorti tal-Appell Kriminali m'ghamlitx a direct assessment of the evidence hija allegazzjoni moghtija in vacuo u dan ghaliex il-forma mentis ta' gudikant hadd ma jafha hlief il-gudikant innifsu;*

10. *Illi dwar l-ilment tar-rikorrent Jia Liu illi huwa gie mcahhad mid-dritt ta' appell meta l-Avukat Generali appella s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' gudikatura kriminali liema appell intlaqa' mill-Qorti Kriminali l-esponenti jecepixxu illi dan l-ilment jirrazenta l-assurd. Huwa wisq ovvju illi Jia Liu kellu c-cans jirrispondi ghall-appell tal-Avukat Generali kif fil-fatt ghamel permezz ta' tratazzjoni orali u b'hekk huwa instema' wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellha ebda obbligu legali illi minn naha ssib lil Jia Liu Hati u minn naha ohra tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex hija tkun f'qaghda illi timponi piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali mxiet skont il-poteri taghha moghtija bil-Ligi;*

*Illi ghalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

11. *Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi gialadarba r-rikors ghal estensjoni ghal hrug tal-att tal-akkuza tal-21 ta' Mejju 2018 indika l-ismijiet Han Bin u Jia Liu biss u mhux Han Bin u Jia Liu personalment u ghan-nom ta' Leisure Clothing Ltd huma gew sentenzjati fuq att ta' akkuza li giet pprezentata fuori termine l-esponenti jecepixxu illi dan l-ilment huwa wiehed tardiv u superficjali. Fl-ewwel lok jinghad illi r-rikorrenti qatt ma qajmu dan l-ilment fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u lanqas quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. La kellhom dan l-ilment tant importanti ghalihom, messhom qajmuh f'waqtu u mhux konvenjentament wara li raw li s-Sentenza tal-Ewwel Qorti giet varjata bir-rizultat li instabu hatja u gew kkundannati ghal sitt (6) snin habs;*

   *Illi di piu jigi eccepiet illi dan l-ilment huwa wiehed superficjali ghall-ahhar stante illi l-akkordament li nghata permezz tad-digriet tal-Qorti Kriminali jkopri l-akkuzati kollha.*

12. *Illi fir-rigward tal-ilment dwar id-dewmien tal-proceduri gudizzjarji, l-esponenti jecepixxu illi z-zmien li ha l-process gudizzjarju fl-interita' tieghu m'huwiex wiehed li gie delungat. Meta wiehed iqis illi l-process gudizzjarju dam tmien (8) snin wiehed irid jqis diversi fatturi importanti ossia n-natura tal-kaz inkluz in-numru ta' imputati, il-volum ta' xhieda li nstemghu, iz-zmien li hadet id-difiza sabiex tipprepara d-difiza taghhom u d-differimenti li ntalbu mid-difiza, u z-zmien fejn inghalqu l-Qrati u/jew gew ristretti s-seduti tal-Qrati minhabba l-Pandemija tal-Covid 19. Ezami tal-atti ghandu jwassal dina l-Onorabbli Qorti ssib illi ma nhela ebda hin sabiex il-kaz jitmexxa b'serjeta' u heffa;*

13. *Illi dwar l-ilment tas-socjeta' rikorrenti illi Leisure Clothing Ltd qatt ma kienet parti fil-kawza u ghalhekk ma setghetx tigi kkundanata, l-esponenti jerghu jtennu li Leisure Clothing Ltd qatt ma ilmentat minn dan fir-rikors ta' appell ipprezentat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u b'hekk assoggettat ruhha ghal kompetenza u gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti. Fi kwalsiasi kaz, dan l-ilment jikkozza mal-ilment elenkat fil-paragrafu 6 tar-rikors promotur stante illi r-rikorrenti stess jirrikonoxxu illi l-att ta' akkuza inhareg kemm kontra Bin Han u Jia Liu personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Leisure Clothing Limited. B'hekk anki dan l-ilment m'ghandux mis-sewwa;*

14. *Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, zgur li t-talba tar-rikorrenti sabiex dina l-Onorabbli Qorti thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali hija talba irragjonevoli. Ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu li jaghmlu uzu minn dawn il-proceduri biex jippruvaw jaharbu minn piena li giet imposta b`mod legittimu fil-konfront taghhom;*

   *Ghalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;*

15. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;*

Rat ir-rikors tar-rikorrenti intavolat fit-28 ta' April 2023 li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti:

> *"...jogħġobha tissospendi l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tas-6 ta' Jannar 2023 mogħtija fil-konfront ta' l-esponenti sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet premessi u konsegwentament tordna r-rilaxx ta' l-esponenti mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni"*

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2023, fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-proċeduri mismugħa u deċiżi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali deċiża fil-21 ta' Marzu 2022 u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2023 u kif ukoll proċeduri li kienu jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fuq akkużi maħruġa fuq ordni tad-DIER, liema proċeduri jidher li ġew konvertiti fil-proċeduri hawn fuq imsemmija.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2023, id-difensuri tar-rikorrenti kkjarifikaw illi l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Seduta DIER) ma ġewx ikkonvertiti fil-proċeduri l-oħra hemmhekkk imsemmija u għalhekk talbu li jiġi allegat il-proċess tal-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Bin Han et** (Seduta DIER referenza EP533/14 DIER 180/14), liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti.

Rat ir-risposta tal-Intimati għar-rikors tar-Rikorrenti għall-miżura proviżorja intavolat fid-9 ta' Mejju 2023 (fol 35).

Rat id-Digriet tagħha mogħti fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2023 li permezz tiegħu din il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *"Għaldaqstant, il-Qorti wara illi rat l-atti kollha proċesswali relattivi u rilevanti ai fini tad-deteminazzjoni tat-talba mressqa fir-rikors tat-28 ta' April 2023, u wara l-konsiderazzjoni kollha hawn fuq magħmula, tgħaddi biex* ***tiċħad*** *it-talba tar-rikorrenti kif mressqa bir-rikors msemmi."*

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2023, xehed Franklin Calleja, Reġistratur tal-Qrati Kriminali kif prodott mir-rikorrenti li ddikjara li ma rriżultawlux proċeduri oħra fil-konfront tar-rikorrenti bħala seduti tad-DIER.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti intavolat fit-8 ta' Ġunju 2023 (fol 57) li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti:

> "... tissospendi l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tas-6 ta' Jannar 2023, mogħtija fil-konfront ta' l-esponenti sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet premessi u konsegwentament tordna r-rilaxx ta' l-esponenti mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."

Rat id-digriet provvizorju mogħti fid-9 ta 'Gunju 2023;

Rat ir-risposta tal-intimati, b'dokumenti annessi, intavolata fid-19 ta' Ġunju 2023 (fol 64).

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, b'dokumenti annessi, intavolat fit-8 ta' Ġunju 2023 (fol 102) li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti:

> *"... tawtorizza korrezzjoni a tenur ta' l-artikolu 175 tal-Kap. 12 fis-sens illi:*
>
> *i) Wara l-aħħar kawżali tiżdied kawżali oħra li tgħid:*
>
> *"Illi l-esponenti kienu ġja ġew akkużati u sentenzjati permezz ta' ċitazzjoni tad-9 ta' Settembru 2014 b'reati konnessi ma' l-istess fatti u żminijiet u uħud minnhom identiċi għal dawk tal-każ in dezamina u konċernati l-istess ħaddiema fejn huma ġew ikkundannti probation bil-kundizzjoni li jħallsu il-flus imsemmija.*
>
> *Illi għalhekk huma qed isofru leżjoni manifesta u lampanti taħt l-artikolu 4 tal-Protokoll 7 u l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni."*
>
> *ii) Wara l-aħħar talba tiżdiet talba oħra li tgħid:*
>
> *"Tiddikajra illi l-fatt illi l-esponenti ġew ipproċessanti fuq l-istess fatti darbtejn jilledi d-dritt tagħhom skont l-artikolu 4 tal-Protkoll 7 tal-Kovnenzjoni Ewropea u l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u konsegwentement tħassar il-proċeduri kollha deċiżi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-6 ta' Jannar 2023 fil-konfront ta' l-esponenti ab inizio injluż is-sentenza konsegwenzjali bħala irriti, nulli u monki."*
>
> *u dan taħt dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Rat ir-risposta tal-intimati intavolata fid-19 ta' Ġunju 2023 (fol 216).

Rat ir-replika tar-rikorrenti intavolata fit-28 ta' Ġunju 2023 (fol 221).

Rat ir-risposta tal-intimati għar-replika tar-rikorrenti intavolata fl-4 ta' Lulju 2023 (fol 226).

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2023, xehed **Nigel Xuereb Said in rappreżentanza tad-DIER** li u in vista tax-xhieda tiegħu r-rikorrenti ppreżentaw dokument Dok NXS1 (fol 236 sa fol 244).

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2023, id-difensuri tal-partijiet ittrattaw ir-rikors tat-8 ta' Ġunju 2023

Rat id-digriet tagħha mogħti fl-udjenza tas-26 ta' Lulju 2023 għar-rikors magħmul għall-korrezzjoni fir-rikors promotur u li permezz tiegħu ddeċidiet is-segwenti:

> *"Għaldaqstant, il-Qorti wara illi rat l-atti kollha proċesswali relattivi u rilevanti ai fini tad-deteminazzjoni tat-talba mressqa fir-rikors tat-28 ta' April 2023, u wara l-konsiderazzjoni kollha hawn fuq magħmula, tgħaddi biex **tiċħad** it-talba tar-rikorrenti kif mressqa bir-rikors msemmi."*

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Lulju 2023 id-difensuri tar-rikorrenti għamlu referenza għar-rikors tagħhom tat-8 ta' Ġunju 2023 (a fol 57) u talbu lill-Qorti sabiex f'dan l-

istadju ma tipprovdix dwaru iżda għamluha ċara li mhux qegħdin jirtiraw l-istess rikors.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-26 ta' Lulju 2023, ir-rikorrenti għarrfu wkoll lill-Qorti li l-patroċinati tagħhom mhux ser jappellaw id-digriet mogħti minnha fl-istess udjenza iżda jirriżervaw li jieħdu proċeduri ulterjuri fir-rigward tal-pretensjonijiet tagħhom hemm kontenuti.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-26 ta' Lulju 2023, id-difensuri tar-rikorrenti ddikjaraw li m'għandhom ebda prova oħra x'jipproduċu, lanqas fil-mertu.

Rat in-nota tal-intimati intavolat fil-31 ta' Lulju 2023, li permezz tagħha ddikjaraw li m'għandhomx provi xi jressqu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2023, wara li l-partijiet trattaw il-kawża, il-Qorti ħalliet l-kawża għall-udjenza tal-lum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Ir-rikorrenti **Bin Han et** fis-sottomissjonijiet tagħhom jgħidu li f'dawn il-proċeduri qegħdin jilmentaw minn ksur ta' smigħ xieraq minħabba s-segwenti nuqqasijiet:

1. Is-soċjetà appellanti ġiet issentenzjata meta l-proċeduri fil-konfront tagħha ġew estinti.
2. Jia Liu ġie sentenzjat b'assoċjazzjoni (*vicarious liability*) mal-kumpanija li ma setgħtx tinstab ħatja għar-raġuni su indikata.
3. Nuqqas ta' żmien xieraq għad-determinazzjoni tal-akkużi.
4. Ri-evalwazzjoni tal-provi kompilati quddiem l-ewwel Qorti mill-Qorti tal-Appell.
5. Konstatazzjonijiet fuq fatti u provi ineżistenti (*quod non est in actis non est in mundi*).

Fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminari li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur jgħidu li l-proċeduri odjerna ġew istitwiti kontra l-istess bħala l-prosekutur ewlieni u għalhekk għandu interess f'dawn il-proċeduri u qiegħed ċitat għall-integrità tal-ġudizzju.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni li s-soċjetà rikorrenti għandha tindika b'mod ċar u espliċitu min hu r-rappreżentant legali tagħha, ir-rikorrenti ighidu li din l-eċċezzjoni hija totalment infondata legalment stante l-Artikolu 181A(1) tal-Kap 12.

Fil-mertu jsostnu li l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet riflessjonijiet fuq evidenza u fatti li ma jemerġux mill-atti u waslet għall-konklużjonijiet dijametrikament opposti għal dak li jirriżulta mill-provi. Isostnu li l-Qorti tal-Appelli Kriminali mhux interpretazzjoni żbaljata għamlet iżda ivvintat il-provi hi stess u ssostitwiet il-provi li hemm jew bi provi ġodda mhux formanti parti mill-atti jew b'konġetturi u supposizzjonijiet. Jikkontendu għalhekk li sart inġustizzja kbira fil-konfront tar-

rikorrenti li spiċċaw qed jiskontaw sentenza ta' sitt (6) snin ħabs fuq provi li ma jirriżultawx. In sostenn ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Lorefice v. Italy** deċiża fid-29 ta' Ġunju 2017, kif ukoll għad-deċiżjoni tal-din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Emanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja** deċiża fid-29 ta' Settembru 2016. Isostnu li għalhekk din il-Qorti mhix qed tiġi mitluba tkun Qorti tat-*terzo grado* iżda xorta waħda għandha tindaga jew tanalizza l-provi u jekk kemm-il darba ssib li dawn huma foloz jew ineżistenti allura għandha ssib li ma hemmx smigħ xieraq. Jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Moreira Ferreira v. Portugal** deċiża fil-11 ta' Lulju 2017.

Isostnu li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali hija bbażata fuq fatti manifestament żbaljati u li s-sejba ta' ħtija bbażata fuq ri-evalwazzjoni ta' testimonjanza saret minn Qorti li ma setgħetx tevalwa l-kompletezza ta' dik ix-xhieda minkejja li d-deċiżjoni tagħhom straħet fuq xhieda li kienet ewlenija sabiex waslet lill-Qorti għad-deċiżjoni tagħha. B'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Navalnyy and Ofitserov v. Russia** deċiża fit-23 ta' Frar 2016, jissottomettu li l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali juru b'mod manifest li huma bbażati fuq żbalji ta' fatti li huma manifesti u qari taż-żewġ sentenzi juri li l-Qorti tal-Appell Kriminali hija milquta minn interpretazzjoni ta' fatti żbaljati b'mod grossolan.

Oltre minn hekk isostnu li l-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet deċiżjoni mingħajr l-opportunità li twettaq *assessment* sħiħ u dirett tax-xhieda li wassluha għad-deċiżjoni tagħha u dan b'leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. In sostenn ta' dan jirreferu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Julie ULIUS POR SIGURPORSSON v. Iceland** deċiża fis-16 ta' Lulju 2019, **Constantinescu v. Romania** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2000, **Botten v. Norway** deċiża fid-19 ta' Frar 1996, **Lazu v. Moldova** deċiża fil-5 ta' Lulju 2016, **Sigurdor Arnasrsson v. Iceland** deċiża fit-2 ta' Diċembru 2014 u **Famulyak v. Ukraine** deċiża fis-26 ta' Marzu 2019. Isostnu li tant is-smigħ *viva voce* ta' xhieda quddiem il-Qorti huwa mportanti illi l-Qorti Ewropea kellha opportunità tesprimi ruħha wkoll dwar il-komportament ta' interpreti u l-importanza tagħhom biex ix-xhieda tasal b'mod preċiż u in sostenn ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Sahin UCAK v. The United Kingdom** deċiża fl-24 ta' Jannar 2002. Jikkontendu għalhekk li l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha jew terġa' tisma l-provi hi jew tirrimandi l-atti lura lill-ewwel Qorti.

Isostnu li huma nstabu ħatja tal-akkużi kollha biss bir-riapprezzament ta' provi li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk ġew imċaħħda mid-dritt tad-doppju eżami.

Jikkontendu li s-soċjetà rikorrenti ngħatat sentenza fil-konfront tagħha meta l-proċeduri ġew estinti u dana stante li l-Avukat Ġenerali kien intavola rikors għal estenzjoni tat-termini a tenur tal-Artikolu 401(1) tal-Kap 9 fil-21 ta' Mejju 2018, liema rikors sar biss fil-konfront tar-rikorrenti l-oħra u għalhekk il-proċeduri ma ssoktawx fil-konfront tagħha. In sostenn ta' dan jirreferu għas-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Carmel Saliba v. Malta** deċiża fid-29 ta' Novembru 2016

Isostnu li għall-istess raġuni Jia Liu ma setgħetx tingħata sentenza b'assoċjazzjoni mal-istess kumpanija. Jispjegaw li l-prinċipju ta' *vicarious liability* joħroġ mill-Artikolu 13 tal-Kap 249 tal-Liġijiet ta' Malta. B'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell

Kriminali fl-ismijiet **The Police v. Andrew Beane et** deċiża fis-16 ta' Frar 2023 jgħidu li l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ odjern sempliċiment ikkunsidrat illi Jia Liu kien direttur u allura ma setax juża d-difiża li ma kienx jaf dwar il-kwistjoni tal-impjegati u għalhekk isostnu li ma kellux smigħ xieraq stante li l-Qorti m'għamlitx indaġini biex tara jekk l-istess rikorrent naqasx bħala direttur imma indigat biss fuq l-andament tas-soċjetà. Oltre minn hekk, jikkontendu li *vicarious liability* tista' tinsab biss f'kawżi *de minimis* jew ta' penali amministrattivi, li ċertament ma kienx il-każ. In sostenn ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea għall-Ġustizzja fl-ismijiet **DB v. Commissione Nazionale per le Societa e la Borsa (Consob)** deċiża fit-2 ta' Frar 2021 u għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Frank Sammut v. L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati Dr Angelo Farrugia et** deċiża fis-26 ta' Jannar 2018.

Jikkontendu li kien hemm nuqqas ta' żmien xieraq għad-determinazzjoni tal-akkużi u dana stante li l-proċeduri damu tmien (8) snin biex jiġu deċiżi u l-prosekuzzjoni ħadet madwar tmienja u ħamsin (58) seduta sabiex tressaq il-provi tagħha. F'dan ir-rigward jirreferu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Wemhoff v. Germany** deċiża fis-27 ta' Ġunju 1968 u **Pelissier and Sassi v. France** deċiża fil-25 ta' Marzu 1999, kif ukoll għall-eżempji ta' dewmien kontenuti fil-*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights Right to a fair trial (criminal limb)*. Isostnu li b'analoġija ċ-ċirkostanzi fil-proċeduri odjerni ma jiġġustifikawx trapass ta' tmien (8) snin.

Fir-rigward ta' rimedju jagħmlu referenza għal dak li pprovdiet il-Qorti Ewropea fis-sentenzi **Moreira Ferreira v. Portugal** u **Julius ULIUS POR SIGURPORSSON v. Iceland** fejn ingħad li l-Qorti tal-Appell Kriminali għandi tillimita ruħha billi tirreferi l-kawża lura għall-ewwel Qorti sabiex terġa' tinstema'.

Fit-**trattazzjoni** orali, l-abbli difensuri tar-rikorrenti jsostnu li mhux minnu li din il-Qorti qed tintalab tagħmel reviżjoni tal-provi bħala Qorti tat-tielet grad iżda jikkontendu li l-ewwel Qorti straħet fuq fatti u provi li huma għal kollox ineżistenti u għalhekk it-talba tagħha f'dawn il-proċeduri hija li tiċċensura dik is-sentenza stante li dik is-sentenza hija bbażata fuq xhieda ineżistenti jew konġetturi li ma jeżistux. Isostnu li f'każ bħal dan allura din il-Qorti għandha s-setgħa li tħassar u tirrevoka s-sentenza attakkata.

Jispjegaw li skont il-*principle of immediacy* kif stabbilit mill-Qorti Ewropea jesiġi li l-Qorti tal-Appell kellha terġa' tisma x-xhieda hi stess u mhux tistrieħ fuq xhieda traskritta. Jirreferu partikolarment għad-deċiżjonijiet tal-istess Qorti fl-ismijiet **Ibrahim and others v. UK** u **Carmel Saliba v. Malta**. Jgħidu li fil-każ odjern kien hemm interpretazzjoni kuntrarja ta' fatti, kif ukoll deċiżjoni dwar fatti li ma eżistewx u għalhekk hemm arbitrarjetà li jrendi l-proċess wieħed mhux xieraq.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Min-naħa tagħhom **l-Avukat Ġenerali** u **l-Avukat tal-Istat**, jissottomettu li fir-rigward tal-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali mhux il-leġittimu kontradittur jgħidu li ġialadarba mhux qiegħed jiġi allegat illi l-aġir tal-Avukat Ġenerali lleda d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti mela l-Avukat Ġenerali ġiet mħarrka inutilment. Isostnu li

in vista tal-fatt illi l-Qrati u/jew il-ġudikanti ma jistgħux jiddefendu l-aġir tagħhom bħala intimati, ir-rappreżentanza ġuridika ta' dawn taqa' fuq l-Avukat tal-Istat u għalhekk kien l-Avukat tal-Istat biss li kellu jitħarrek f'din il-kawża.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni dwar ir-rappreżentanza legali ta' Leisure Clothing Ltd isostnu li donnu Bin Han u Jia Liu m'għandhom ebda rappreżentanza ġuridika u legali ta' din is-soċjetà. Jikkontendu li sabiex ir-rikorrenti jaħarbu minn kwalsiasi konnessjoni ma' Leisure Clothing Ltd ressqu rikors fejn qiesu li s-soċjetà msemmija m'għandha l-ebda rappreżentanza minn persuna fiżika meta huwa pruvat fil-proċeduri kriminali 1128/2014 li d-diretturi ta' tali soċjeta kienu Bin Han u Jia Liu. Isostnu li l-imsemmija kumpanija f'dan il-każ m'għandhiex personalità ġuridika distinta mir-rikorrenti l-oħra f'dan il-każ u dan għaliex l-istess rikorrenti huma diretturi tal-istess soċjetà.

Isostnu li r-rikorrenti qegħdin jistiednu lil din il-Qorti sabiex taġixxi bħala Qorti tat-tielet u r-raba' grad u qegħdin jadixxu lil Qorti tanalizza l-atti proċesswali tal-proċeduri kriminali, inkluż mil-provi li tressqu quddiem il-Qrati Kriminali. Jikkontendu li dan mhuwiex aċċettabbli u dana stante li l-proċeduri kriminali għaddew in ġudikat u oltre minn hekk il-Qrati Kriminali kienu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jagħmlu analiżi ħolistika tal-provi, atti u sottomissjonijiet li saru fil-mori tal-proċeduri kriminali.

Isostnu li din il-Qorti tista' biss teżamina jekk seħħitx xi leżjoni ta' dritt fundamentali tal-parti bl-aġir tal-Qorti Kriminali. Jispjegaw li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet **The Police v. Bin Han Jia Liu** ngħatat wara li l-partijiet ingħataw kull opportunità in prim' istanza u fl-istadju tal-appell iressqu l-provi, difiża u sottomissjonijiet tagħhom entro t-termini tal-Liġi. In sostenn ta' dan jagħmlu referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **George Whelpdale et v. L-Avukat Ġenrali** deċiża fis-26 ta' April 2000, is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Victor (Joseph Victor) Buttigieg v. l-Avukat Ġenerali** deċiża fit-12 ta' Lulju 2019, is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta fl-ismijiet **Jason Galea v. Avukat Ġenerali** deċiża fil-11 ta' April 2019 u s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Publis sive Leo Said vs L-Avukat tal-Istat** deċiża fid-19 ta' Settembru 2023.

Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-Qorti tal-Appell Kriminal ddeċidiet fuq provi ineżistenti jgħidu li din hija allegazzjoni inveritiera u intiża biss sabiex tikkreja stampa konfuża u tiżvija lil din il-Qorti. Isostnu li l-argument tar-rikorrenti li minn imkien ma jirriżulta li kien hemm iktar minn kuntratt wieħed huwa wieħed skorrett u in sostenn ta' dan jiċċitaw partijiet sostanzjali mis-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet **The Police (Inspector Joseph Busuttil) (Inspector Sylvana Briffa) v. Bin Han Jia Liu** deċiża fil-21 ta' Marzu 2022, minn fejn jirriżulta li kien hemm żewġ kuntratti u ġiela anke tlieta u, liema sentenza mhix kontestata mir-rikorrenti. F'dan il-kuntest jagħmlu referenza ukoll għall-estratti mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-istess ismijiet deċiża fis-6 ta' Jannar 2023. Jikkontendu li m'hemm ebda nġustizzja manifesta u/jew nuqqas ta' ħarsien proċedurali u għalhekk ma jistax ikun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali.

Isostnu fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali hija waħda arbitrarja minħabba li dawret id-deċiżjoni mingħajr ma kellha l-

opportunità li tisma' u tevalwa x-xhieda huwa wieħed li ma jreġix u dana stante li fl-ebda stadju t'appell ma jinstemgħu x-xhieda mill-ġdid. Jikkontendu li l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha l-fakoltà illi meta tkun konvinta li l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni żbaljata tal-apprezzament tal-provi u kunsiderazzjonijiet legali ddawwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti – hija proprju l-funzjoni tagħha li tagħmel dan.

Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li s-soċjetà Leisure Clothing Ltd ġiet issentenzjata meta l-proċeduri fil-konfront tagħha ġew allegatament estinti isostnu li dan l-ilment kellu jitressaq fil-proċeduri quddiem il-Qorti fil-prim'istanza jew semmai quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Oltre minn hekk, jikkontendu li Bin Han u Jia Liu bħala Diretturi tal-istess soċjetà għandhom rappreżentanza ġuridika u legali tal-istess u b'hekk din l-allegazzjoni ma tagħmel ebda differenza. Isostnu wkoll li di piu Leisure Clothing Limited qatt m'ilmentat minn dan fir-rikors ta' appell ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u b'hekk assoġġettat ruħha għal kompetenza u ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti u huma r-rikorrenti stess li jirrikonoxxu li l-att ta' akkuża inħareġ kemm kontra Bin Han u Jia Liu personalment u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Leisure Clothing Limited.

Fir-rigward tal-argument rigward dewmien ta' proċeduri jispjegaw li l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu dam tmien (8) snin. Isostnu li jridu jitqiesu diversi fatturi importanti ossia n-natura tal-każ, inkluż in-numru ta' imputati, il-volum ta' xhieda li nstemgħu, iż-żmien li ħadet id-difiża biex tipprepara u tippreżenta d-difiża tagħha u ż-żmien li l-Qrati kienu ristretti minħabba l-pandemija tal-Covid '19. Jikkontendu li meħud dan in konsiderazzjoni jirriżulta li ma nħela ebda ħin u l-każ tmexxa b'serjetà u ħeffa. Jispjegaw li dan kien każ ta' *human trafficking* fejn tqabbad espert tal-Qorti u kellhom jintużaw ukoll diversi interpreti, b'hekk kien każ pjuttost kumpless. Oltre minn hekk, isostnu li r-rikorrenti ma ġabu ebda prova ta' xi ansjetà, sofferenza jew dannu tanġibli fil-konfront tagħhom minħabba t-trapass taż-żmien.

Fit-**trattazzjoni** tal-abbli difensur tal-intimati, huma jsostnu li assolutament mhux il-każ li l-Qorti tal-Appell Kriminali straħet jew waslet għal konklużżjoni tagħha fuq prova li ma rriżultawx mill-proċess. Jikkontendu li r-rikorrenti altru milli qed jitolbu li jsir ri-apprezzament tal-fatti u dana stante li qed jitolbu li jsir eżami sħiħ tal-proċess kriminali mill-bidu sal-aħħar. Isostnu li ma nġiebet ebda prova konkreta da parti tar-rikorrenti li kien hemm xi mankanza fil-proċess kriminali u jikkontendu li l-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet dak li huwa fid-diskrezzjoni tagħha li tagħmel u xejn aktar.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi stabbiliti l-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi l-ewwel l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati fir-risposta tagħhom:

## <u>Eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur</u>

L-intimati Avukat tal-Istat u Avukat Ġenerali fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom eċċepew li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri.

L-intimati jsostnu li l-Avukat Ġenerali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li r-rikorrenti m'humiex qed jilmentaw dwar l-aġir tiegħu iżda dwar l-aġir tal-Qrati nnfushom fil-leżjonijiet tagħhom. Min-naħa tagħhom ir-rikorrenti jsostnu li bħala l-prosekutur ewlieni, l-Avukat Ġenerali għandu interess f'dawn il-proċeduri u qiegħed jiġi ċitat għall-integrità tal-ġudizzju.

Il-Qorti tosserva li filwaqt li huwa minnu li l-lanjanza tar-rikorrenti tikkonċerna l-aġir tal-Qrati u mhux dak tal-Avukat Ġenerali, xorta jibqa' l-fatt li l-Avukat Ġenerali kien parti intergrali mill-proċeduri kriminali u dana stante li bħala l-prosekutur ewlieni huwa propju hu li jmexxihom. La darba permezz ta' din il-proċedura qed jiġu attakkati l-istess proċeduri, ċertament li l-Avukat Ġenerali għandu interess f'dawn il-proċeduri li jistgħu jwasslu għal tibdil tal-eżitu tal-proċeduri kriminali li minnhom hu huwa parti. B'hekk din il-Qorti tqis li l-Avukat Ġenerali għandu interess li jkun parti f'dawn il-proċeduri.

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tal-Avukat Ġenerali.**

**Eċċezzjoni li Leisure Clothing Limited għandha tindika b'mod ċar u espliċitu min hu r-rappreżentant legali tagħha**

Il-Qorti hi tal-fehma li din l-eċċezzjoni hija marbuta direttament mal-mertu f'dak li jirrigwarda l-akkużi vis-a-vis is-soċjetà rikorrenti u għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tikkunsidra din l-eċċezzjoni flimkien mal-mertu.

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Il-Qorti tibda billi tagħmilha ċara li din il-Qorti, fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha, mhix Qorti ta' appell tat-tielet grad u għalhekk bl-ebda mod mhi ser tkun qed tagħmel apprezzament mill-gdid tal-fatti li diġà ew apprezzati u ddeċidew dwarhom il-Qrati Kriminali fil-ġudizzju tagħhom, iżda ser tillimita ruħha sabiex tagħmel skrutinju tal-istess proċeduri sabiex teżamina u tiddeċiedi jekk matul l-istess proċeduri d-drittijiet tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġewx mħarsa.

Il-Qorti thoss li jekk kemm -il darba hi tmur lill'hinn minn dan tkun hi stess li tkun qed tikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali vis-a-vis deċiżjoni li għaddiet in ġudikat.

F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Ewropea fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Agrokompleks v. Ukraine** deċiża fis-6 ta' Ottubru 2011 fejn ikkonkludiet is-segwenti:

> *"148. The principle of legal certainty implies that no party is entitled to seek review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Review by higher courts should not be treated as an appeal in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not grounds for re-examination"*

Il-Qorti tirrimarka wkoll li la l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jagħtu xi dritt lill-parti leża li jkollha rimedju disponibbli quddiem qorti tat-tielet grad, wara li l-każ ikun għadda mill-għarbiel tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Illi din l-konsiderazzjoni kienet diġà saret fil-kawża **Daniel Alexander Holmes v. Avukat Generali et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-3 ta' Ottubru 2014, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *"L-artikoli 6 u 39 tal-Kostituzzjoni ma jiggarantixxu l-ebda dritt li akkużat ikollu xi rimedju quddiem qorti tat-tielet grad wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Ċertament li f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha tiddetermina jekk il-piena li ngħata r-rikorrent kenitx ġusta jew kellhiex tnaqqas il-piena. Dak kien l-eżerċizzju tad-doppio esame li kellu jsir.... M'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tistħarreġ il- konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali meta kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali."*
>
> *" Illi t-taghlim gurisprudenzjali jiggwida lill-qorti ta' revizjoni sabiex bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija - cioe din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi **kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive".***

Għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina jekk id-drittijiet tar-rikorrent għal smigħ kif sanċiti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġewx mittiefsa.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fl-ewwel ilment tagħhom ir-rikorrenti jsostnu li s-soċjetà rikorrenti ġiet issentenzjata meta l-proċeduri fil-konfront tagħha ġew estinti.

Jirriżulta li l-att ta' akkuża fil-proċeduri kriminali nħareġ kontra Bin Han u Jia Liu personalment u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Leisure Clothing Limited. Għalkemm Leisure Clothing Limited bħala kumpanija hija persuna ġuridika distinta, ma jfissirx li din b'xi mod taġixxi waħedha. Huwa ben saput li kumpanija taġixxi tramite d-diretturi u l-uffiċjali tagħha, li f'dan il-każ huma l-istess rikorrenti. B'hekk jekk kemm-il darba l-att t'akkuża ħareġ fil-konfront tar-rikorrenti Bin Han u Jia Liu bħala r-rappreżentanti tal-kumpanija, hija *sine qua non* li l-aġir tal-kumpanija u l-kumpanija nnifisha kienu implikati u koperti fl-istess att ta' akkuża.

Oltre minn hekk, ir-rikorrenti kellhom kull opportunità li jqajmu dan l-ilment quddiem il-Qrati Kriminali, li kienet il-Qorti addattata sabiex tevalwa tali ilment tar-rikorrenti, azzjoni li huma ma ħadux. Isegwi għalhekk li mhux biss ir-rikorrenti kienu konsapevoli li l-Att ta' Akkuża nħareġ ukoll fil-konfront tal-kumpanija rikorrenti, anzi talli aċċettaw dan bħala fatt tul l-andament tal-proċeduri kriminali fl-intier tagħhom.

**Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni f'dan ir-rigward.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

It-tieni lment tar-rikorrenti jikkonċerna s-sentenza ta' Jia Liu li ġie sentenzjat b'assoċjazzjoni mal-kumpanija.

It-tieni lment tar-rikorrenti jorbot mal-ewwel ilment u għalhekk la darba l-Qorti qieset li m'hemmx vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni għar-raġunijiet suesposti, isegwi li lanqas ma hemm vjolazzjoni tal-istess fir-rigward tat-tieni lment tar-rikorrenti.

**Oltre minn hekk, mill-att ta' akkuża huwa ċar li l-akkużi fil-konfront ta' Jia Liu kienu mhux biss f'ismu proprju imma anke fil-konfront tiegħu għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija rikorrenti.**

**Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni f'dan ir-rigward.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fit-tielet ilment tagħhom ir-rikorrenti jsostnu li kien hemm nuqqas ta' żmien xieraq għad-determinazzjoni tal-akkużi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Boddaert v Belgim** deċiża fit-22 ta' Settembru 1992, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *36. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court's case-law and in the light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment.*
>
> *-Ommissis-*
>
> *39. Article 6 (art. 6) commands that judicial proceedings be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice. In the circumstances of the case, the conduct of the authorities was consistent with the fair balance which has to be struck between the various aspects of this fundamental requirement.*
>
> *40. In conclusion, the Court finds no violation of Article 6 para. 1 (art. 6-1).*

Il-Qorti tifhem li d-dewmien prinċipali f'dan il-każ kien proprju riżultat tan-natura tal-każ li kien jinvolvi numru ta' provi kemm dokumentarji u kemm xhieda li kienu jirrikjedu interpretu. Dan ġie aggravat bil-fatt li fil-mori tal-każ seħħet ukoll il-pandemija tal-COVID'19 li ċertament m'għamlitx is-sitwazzjoni aktar feliċi u/ jew faċli.

In vista tal-investigazzjoni li l-Qorti tifhem li saret, li kienet tinvolvi komunikazzjoni ma' pajjiżi li jinsabu saħansitra barra mill-Unjoni Ewropea, u dwar materja li kienet

tirrikjedi l-interpretazzjoni ta' espert, il-Qorti ma tqisx esaġerat il-perjodu li għadda minn meta tressqu l-ewwel darba quddiem il-Qorti r-rikorrenti sa meta ġiet deċiża finalment il-vertenza permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

**Għalhekk din il-Qorti, għar-raġunijiet fuq esposti ma tqisx li kien hemm dewmien irraġjonevoli fil-proċeduri kriminali u, konsegwentement, ma ssib l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Ir-raba' u l-ħames ilment tar-rikorrenti jikkonċernaw l-evalwazzjoni tal-provi mill-Qorti tal-Appell Kriminali u partikolarment li allegatament il-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet il-vertenza fuq fatti u provi ineżistenti.

Ir-rikorrenti jilentaw fost l-oħrajn dwar provi dwar l-eżistenza ta' kuntratti li jirriżultaw ukoll mis-sentenza tal-Qorti fil-prim' istanza. La darba kienu diġà ssemmew f'din is-sentenza, ir-rikorrenti kellhom il-fakultà li jilmentaw dwar dan quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali – pass li huma ma ħadux. L-ebda parti ma tista' tippretendi li din il-Qorti tqis ilmenti li dik il-parti kellha l-opportunità tqajjimhom fil-proċedura ordinarja li kienet għad-dispożizzjoni tagħha meta tkun għażla tagħha stess li ma ħaditx l-azzjoni opportuna.

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll minn l-apprezzament tax-xhieda mill-Qorti tal-Appell Kriminali, stante li din il-Qorti ma semgħetx mill-ġdid ix-xhieda. Jirreferu fost oħrajn għall-*Principle of Immediacy* taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għad-deċiżjonijiet l-iktar prominenti f'dan ir-rigward u ċjoè:

**Hanu v. Romania** deċiża fl-4 ta' Ġunju 2013 fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *31. The Court <u>reiterates that the manner of application of Article 6 to proceedings before appellate courts depends on the special features of the proceedings involved; account must be taken of the entirety of the proceedings in the domestic legal order</u> and of the role of the appellate court therein.*
>
> *32. The Court has held that where an appellate court is called upon to examine a case as to the facts and the law and to make a full assessment of the question of the applicant's guilt or innocence, it cannot, as a matter of fair trial, properly determine those issues without <u>a direct assessment of the evidence given in person</u> by the accused who claims that he has not committed the act alleged to constitute a criminal offence (see Ekbatani v. Sweden, 26 May 1988, § 32, Series A no. 134, Constantinescu, cited above, § 55, and Lacadena Calero v. Spain, no. 23002/07, § 36, 22 November 2011).*
>
> *33. <u>Article 6 of the Convention does not lay down any rules on the admissibility of evidence or the way it should be assessed, which are therefore primarily matters for regulation by national law and the national courts</u>, and the Court's task is to verify the fairness of the*

> *domestic proceedings, taken as a whole, including the manner in which the evidence was assessed (García Ruiz v. Spain [GC], no. 30544/96, § 28, ECHR 1999-I). Moreover, although it is normally for the national courts to decide whether it is necessary or advisable to call a witness, exceptional circumstances could prompt the Court to conclude that the failure to hear a person as a witness was incompatible with Article 6 (Bricmont v. Belgium, 7 July 1989, § 89, Series A no. 158).*

L-istess prinċipji jinsabu elenkati fil-kaz **Lazu v. The Republic of Molodova** deċiża qabel fil-5 ta' Lulju 2016.

Applikati dawn il-principji illi l-Qorti ssottolineat għall-aħjar attenzjoni u emfasi, il-Qorti tqis illi fil-każ odjern, ir-rikorrenti għaddew minn proċeduri fl-ewwel istanza u fit-tieni istanza, dejjem ben assistiti u ma jidher qatt illi kien hemm xi lmenti jew lanjanzi kostituzzjonali mqajma waqt il-proċeduri. Il-Qorti tqis illi il-proċeduri kriminali fl-interità tagħhom, li għaddew minnhom ir-rikorrenti, kienu kondotta skont ir-reġim legali anke proċedurali illi jippermetti l-Kodici Kriminali għall-aħjar andament tal-ġustizzja.

Ukoll, il-Qorti tqis illi in kwantu illi d-depożizzjonijiet kollha tax-xhieda kollha kienu traskritti u kien hemm kopja tal-istess depożizzjonijiet fil-proċess a dispożizzjoni mhux biss tal-ewwel Qorti imma anke tat-tieni, kif tippermetti s-sistema legali taghna, allura kull qorti f'kull grad setgħet tagħmel "*a direct assessment*" tax-xhieda prodotti. Il-Qorti tfakkar illi f'Appelli minn każijiet sommarji, il-Qorti tal-Appell terġa' tisma' hi x-xhieda illi jkunu prodotti fl-ewwel istanza proprju għaliex ma tistax tagħmel tali "direct assessment" in kwantu illi, fil-maġġor parti stravaganti tal-każijiet, ma jkunx hemm traskrizzjonijiet tal-istess. Din id-differenza proċedurali fil-liġi tagħna qed tiġi sottolineata peress illi ttina appuntu l-opportunità illi naraw illi l-prinċipju ta' *direct assessment* jiġi osservat.

Għaliex kif anke tgħid il-ġurisprudenza fuq ikkwotat, fuq kollox, il-proċeduri u r-regoli proċedurali dwar kif evidenza tiġi apprezzata, mhix regolata bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, imma kull pajjiż għandu l-proċeduri tiegħu.

Finalment, din il-Qorti trid tosserva illi filwaqt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rrimarkat fis-sentenza tagħha illi minkejja digriet mogħti lejn il-bidu tal-proċeduri sabiex il-proċeduri jinstemgħu bil-lingwa Ingliża, kien hemm użu daqqa tal-lingwa Ingliża u daqqa tal-lingwa Maltija fil-kors tal-proċeduri, anke jekk is-sentenza mbagħad ngħatat bil-lingwa Ingliża, u tirrimarka, il-Qorti tal-Appell, li għal dan id-difiża qatt ma oġġezzjonat. Bl-istess mod din il-Qorti tinnota ukoll illi mkien ma jirriżulta mill-atti illi d-difiża talbet, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, illi x-xhieda jerġgħu jinstemgħu mill-ġdid u għalhekk il-Qorti tikkonkludi illi l-hawnhekk rikorrenti kienu aktar minn komdi bil-proċeduri kif tmexxew mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Kif diġà tenut, il-funzjoni ta' din il-Qorti mhix dik tat-tielet grad iżda waħda li tqis jekk kienx hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tul il-proċeduri. Ir-raba' u l-ħames ilment tar-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti li tindaga purament fl-apprezzament tal-fatti, funzjoni li din il-Qorti ċertament li m'għandiex u m'għandux ikollha. Anke għaliex, kif jirrizulta mill-atti, tali apprezzament tal-provi prodotti, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlitu anke fl-isfond tal-kuncetti legali illi jsawru r-reati illi r-rikorrenti

kienu qed jirrispondu għalihom – funzjoni illi ċertament illi din il-Qorti mhix ser tassumi.

Minn analiżi tas-sentenza, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju, li l-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat kif imiss il-provi li tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u kien biss wara tali evalwazzjoni li l-Qorti għaddiet għal konklużjonijiet tagħha, b'hekk l-ilmenti tar-rikorrenti sa fejn jikkonċernaw provi dokumentarji ser jiġu respinti minn din il-Qorti, stante li tali eżami huwa limitat għal interpretazzjoni f'apprezzament ta' fatti u din il-Qorti m'għandha bl-ebda mod tiddisturba dan.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant din il-Qorti, wara illi qieset l-atti u semgħet u kkunsidrat is-sottomissjonijiet tal-partijiet, qegħda tgħaddi biex tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari kif fuq deċiż, filwaqt illi tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**Bl-ispejjeż kollha a karigu tar-rikorrenti.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**